# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Illum, 22 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**
**Citazz. Nru. 2454/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Christopher u Georgina mizzewgin BONELLO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 25 ta' Settembru, 1996 fl-atti Nutar Dottor Joseph Lia (Dok"A"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenuti Christopher & Georgina mizzewgin Bonello;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Christopher u Georgina mizzewgin Bonello fis-somma ta' disgha u hamsin elf, mija u sebgha u tmenin liri maltin u disgha u sittin centezmu (Lm59,187.69) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-

"Overdraft Account" ta' Christopher u Georgina mizzewgin Bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" u "B2"; Dok "C1" u "C2", u Dok "D1" sa "D123") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Christopher u Georgina mizzewgin Bonello jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin elf, mija u sebgha u tmenin liri maltin u disgha u sittin centezmu (Lm59,187.69) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-"Overdraft Account" ta' Christopher u Georgina mizzewgin Bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" u "B2"; Dok "C1" u "C2"; u Dok "D1" sa "D123") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil Christopher u Georgina mizzewgin Bonello jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin elf, mija u sebgha u tmenin liri maltin u disgha u sittin centezmu (Lm59,187.69) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-"Overdraft Account" ta' Christopher u Georgina mizzewgin Bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" u "B2"; Dok "C1" u "C2"; u Dok "D1" sa

"D123") flimkien mal-imghax ulterjuri mil-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Frar, 2001.**